MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 464/2010

**Bay Street Holdings Limited**

**-vs-**

**Match Music Stores (Malta) Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ppreżentat fis-7 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu s-socjeta' Bay Street Holdings Limited ppremettiet illi:

1.1. Permezz tar-rikors maħluf fl-ismijiet "Bay Street Holdings Limited vs Match Music Stores (Malta) Limited et" (rikors maħluf bin-numru 846/2009/JA), il-kumpanija esponenti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Bay Street Holdings") talbet, *inter alia*, il-kanonizzazzjoni ta' kreditu dovut lilha in linea ta' arretrati u *good will fee* dovuti mill-kumpanija Match Music Stores (Malta) Limited (minn

hawn 'il quddiem imsejħa "Match Music Stores") għall-operat ta' ħanut ġewwa l-Bay Street Tourist Complex, proprjetà ta' Bay Street Holdings;

1.2. Match Music Stores mhux biss ressqet tweġiba maħlufa iżda wkoll resqet kontro-talba fejn talbet il-likwidazzjoni ta' danni allegatament ikkaġunati lilha minn Bay Street Holdings;

1.3. Nel frattemp Bay Street Holdings għamlet riċerka fuq l-attiv u l-passiv ta' Match Music Stores u rriżultalha – wkoll minn ħruġ ta' atti kawtelatorji fil-konfront ta' Match Music Stores – illi din tal-aħħar ma għandha ebda assi rejaliżżabbli u hija fl-aħjar ipoteżi kumpanija falluta illi ma għandha ebda assi sabiex tissoddisfa l-kreditu dovut lil Bay Street Holdings;

1.4. Dina s-sitwazzjoni tirriżulta illi kienet premeditata u kienet saret intenzjonalment għas-skapitu u detriment ta' Bay Street Holdings (kif ukoll kredituri oħra) u kien għalhekk illi Bay Street Holdings ipproċediet kontra Match Music Stores b'rikors li jġib in-numru 1125/2009/JZM fl-ismijiet "Bay Street Holdings Limited vs Match Music Stores (Malta) Limited et" fejn talbet ix-xoljiment u konsegwenti stralċ ta' Match Music Stores għaliex ma hijiex f'qagħda illi tħallas id-djun tagħha, kif ukoll dikjarazzjoni illi d-diretturi tal-istess kumpanija huma responsabbli bla limiti għal kull dejn kuntrattat mill-istess kumpanija taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji illi jitkelmu dwar *fraudulent trading*;

1.5. Il-kreditu ta' Bay Street Holdings baqa' mhux kawtelat għaliex kif ingħad Match Music Stores ma għandha ebda assi rejaliżżabbli;

1.6. Match Music Stores adottat tattika perikoluża għaliex filwaqt illi rrifjutat illi tiżgombra mill-ħanut proprjetà ta' Bay Street Holdings u kompliet tinkorri penali ta' € 2,330 kuljum għad-dewmien biss, bdiet thedded lill-istess Bay Street Holdings illi sabiex hija tirritorna lura l-pussess

vakanti tal-imsemmi ħanut, Bay Street Holdings kellha taħfer id-dejn dovut minn Match Music Stores;

1.7. Ladarba l-kumpanija Match Music Stores ma rnexxilhiex fir-rikatt tagħha, hija għaddiet sabiex talbet u kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet "Match Music Stores (Malta) Limited vs Bay Street Holdings Limited" (mandat bin-numru 707/2010) sabiex tissekwestra mhux biss il-flus illi Bay Street Holdings għandha depożitati mal-banek lokali iżda wkoll sabiex tissekwestra flus dovuti lil Bay Street Holdings mingħand terzi, ossija, il-kirjiet dovuti mill-inkwilini ġewwa l-Bay Street Tourist Complex;

1.8. Dana kollu sar b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju peress illi mhux biss Match Music Stores – jew id-diriġenti tagħha – qiegħda tkompli tabbuża mill-pożizzjoni ta' nuqqas ta' assi tagħha iżda peress illi tali att intalab meta l-istess kumpanija kienet ġjà ben konxja u avżata illi ma hemmx lok illi jinħarġu atti kawtelatorji fil-konfront tal-esponenti *stante* l-valur tal-proprjetà immobbli appartenenti lil Bay Street Holdings;

1.9. Il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet "Match Music Stores (Malta) Limited *v*. Bay Street Holdings Limited" (mandat bin-numru 707/2010) intalab b'mod abbużiv għall-aħħar u kif sejjer jiġi spjegat f'dan ir-rikors hemm lok illi (i) dina l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka fis-sħiħ tal-istess mandat skond ma jiddisponi l-artikolu 836 (1) (ċ), (d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u illi (ii) dina l-Onorabbli Qorti tordna illi Match Music Stores tiġi ikkundannata tħallas penali lil Bay Street Holdings skond ma jiddisponi l-artikolu 836 (8) (b), (ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal kull *buon fini* u fin-nuqqas illi l-ewwel żewġ talbiet ta' Bay Street Holdings jiġu milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti, Bay Street Holdings ser titlob illi Match Music Stores tiġi ordnata tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali, danni u imgħaxijiet illi ser issofri l-kumpanija esponenti kemm-il darba il-mandat jinżamm fis-seħħ u dana skond ma jiddisponi l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2. Artikolu 836 (1) (ċ) u (e) – l-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra**

2.1. Mingħajr preġudizzju għall-fatt illi Bay Street Holdings issostni illi l-pretensjoni għad-danni vantata minn Match Music Stores hija waħda mhux biss kompletament infondata iżda wkoll frivola, Bay Street Holdings tirrileva illi hija l-proprjetarja tal-kumpless turistiku magħruf bħala "Bay Street Tourist Complex";

2.2. Skond l-aħħar stima ippreparata nhar it-30 ta' April, 2010 mill-Perit Arkitett Dr. Edwin Mintoff – kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument BS1" – il-valur tal-proprjetà immobbli appartenenti lil Bay Street Holdings huwa dak ta' **€40,620,622**;

2.3. Bir-rispett kollu, anke kieku kellu jingħad – għall-grazzja ta' l-argument biss – illi l-pretensjoni ta' Match Music Stores kif dedotta permezz tal-mandat ta' sekwestru impunjat f'dawn il-proċeduri, kellha xi fundament, xorta waħda jibqa' l-fatt illi l-valur tal-proprjetà tal-kumpanija esponenti huwa ħafna aktar milli suffiċjenti sabiex tiġi soddisfatta kwalsijasi pretiża illi għandha Match Music Stores;

2.4. Jekk dan ma huwiex biżżejjed sabiex l-att abbużiv tal-proċess ġudizzjarju ta' Match Music Stores jiġi espost fis-sħiħ, il-kumpanija esponenti tirrileva ulterjorment illi – kif jirriżulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bħala "Dokument BS2" – id-dħul tagħha mill-kirjiet huwa ta' aktar minn **€2,000,000** fis-sena;

2.5. Għaldaqstant teżisti garanzija aktar milli xierqa sabiex kull pretensjoni illi għandha Match Music kontra Bay Street Holdings – jekk xi darba tirriżulta ġustifikata – tkun sodisfatta u dana mhux biss permezz tal-proprjetà immobbli illi għandha Bay Street Holdings iżda wkoll mid-dħul ta' kontanti mill-kirjiet eżistenti ġewwa l-kumpless tagħha;

2.6. Għal din ir-raġuni biss, Bay Street Holdings issostni illi l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet "Match Music Stores

(Malta) Limited *v.* Bay Street Holdings Limited" (mandat bin-numru 707/2010) għandu jiġi revokat għal kollox minn dina l-Onorabbli Qorti;

**3. Artikolu 836 (1) (e) – l-ammont mitlub minn Match Music Stores ma huwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv;**

3.1. Bay Street Holdings qiegħda wkoll titlob illi l-istess mandat ta' sekwestru jitħassar peress illi l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* ġustifikat u *semmai* huwa eċċessiv;

3.2. Match Music Stores qiegħda tippretendi s-somma ta' **<u>€573,109</u>** allegatament danni riżultanti minn adempjenza kuntrattwali da parti ta' Bay Street Holdings;

3.3. L-ewwel u qabel kollox għandu jingħad illi mir-risposta maħlufa ppreżentata fl-atti tar-rikors maħluf bin-numru 846/2009/JA u eżebita fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 707/2010, Match Music Stores tgħid illi hija ma hija marbuta bl-ebda ftehim ma' Bay Street Holdings għaliex – skond dik il-kumpanija – wieħed mid-diretturi tagħha naqas milli jiffirma l-ftehim ta' bejn il-kontendenti. Però mbagħad fl-istess nifs titlob danni għall-inadempjenza kuntrattwali u titlob sekwestru għal ċifra eżorbitanti f'dan ir-rigward. Il-frugħa u l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju da parti ta' Match Music Stores joħroġ anke minn dan il-fatt biss għaliex jew hemm kuntratt li jorbot jew ma hemmx – jekk hemm jista' jagħti l-każ illi jkun hemm inadempjenza, iżda jekk – skond Match Music Stores – ma hemmx kuntratt li jorbot, kif qatt tista' l-kumpanija Bay Street Holdings tkun inadempjenti kuntrattwalment? It-tustaġni ta' Match Music Stores tirriżulta minn dan għaliex donnha tippretendi illi hija ma hijiex marbuta bl-ebda kuntratt filwaqt illi Bay Street Holdings hija marbuta – ħaġa illi ċertament ma tistax tkun!

3.4. Minn dan biss għandu jirriżulta illi *prima facie* l-ammont mitlub mhux dovut u lanqas ġustifikat. Lanqas ma huwa ġustifikat għaliex Match Music Stores ma tispjega bl-ebda mod kif waslet għat-talba eżorbitanti tagħha. Hija

imkien ma tispjega kif waslet sabiex tippretendi danni fl-ammont ta' aktar min-nofs miljun Euro da parti ta' Bay Street Holdings għal inadempjenza kuntrattwali meta kienet Match Music Stores stess illi mhux biss kisret iżda bl-aktar mod sfaċċat eludiet kull obbligu li kellha versu Bay Street Holdings u kienet hija stess li minn jeddha ħarġet mill-kumpless iżda baqgħet iżżomm iċ-ċwievet, tinkorri penali ta' € 2,330 kuljum għad-dewmien biss u thedded lill-kumpanija esponenti li biex tagħtiha ċ-ċavetta trid taħfrilha d-debitu!

3.5. L-ammont mitlub huwa *in ogni* każ eżorbitanti peress illi bl-ebda mod ma jirrifletti l-iskala ta' operazzjoni ta' Match Music Stores. Kieku kienet kumpanija ta' ċertu entità ċertament kien – bħal kumpanija esponenti – ikollha assi u mhux tkun kumpanija falluta sa mill-bidu!

**4. Artikolu 836 (1) (f) – ma huwiex raġonevoli illi s-sekwestru jinżamm fis-seħħ;**

4.1. Bay Street Holdings issostni illi ma huwiex raġonevoli illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni jinżamm fis-seħħ għal bosta raġunijiet;

4.2. Fl-ewwel lok, jirriżulta illi mil-mod illi intalab l-imsemmi mandat dan sar biex jagħmel ħsara lil Bay Street Holdings Limited. Dan għaliex filwaqt illi Match Music Stores taf illi Bay Street Holdings hija proprjetarja ta' proprjetà immobbli illi tiżboq bil-bosta fil-valur kull pretensjoni illi jista' jkollha Match Music Stores, Match Music Stores ippreferiet tagħmel kemm jista' jkun ħsara billi tipprova tissekwetra l-kontijiet bankarji u l-kirjiet kollha dovuti lil Bay Street Holdings meta setgħet tikkawtela l-pretensjoni tagħha b'mod ieħor. Il-malizzjożità fit-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat tirriżulta *ictu oculi* tenut kont ukoll tal-fatt illi Match Music Stores qiegħda tabbuża mill-pożizzjoni tagħha li – għax falluta u bla assi – *"ħadd ma jista' jgħamlilha xejn".* Dan huwa kompletament inawdit u ċertament ma jistax jiġi sanċit minn dina l-Onorabbli Qorti;

4.3. Fit-tieni lok, kumpanija falluta ma għandhiex tiġi permessa illi bl-aktar mod abbużiv u malizzjuż twaqqaf l-

operat ta' kumpanija finanzjarjament soda u likwida b'detriment mhux biss għal minn għandu investiment f'Bay Street Holdings iżda wkoll għal dawk l-operaturi kollha illi għandhom ħanut ġewwa l-istess kumpless. Ma tistax Match Music Stores tiġi permessa illi tkun tant tosta, skunsidrata, irresponsabbli u malizzjuża illi tipperikola l-għixien ta' għexieren ta' negozjanti sempliċement biex tkun għamlet vendikazzjoni fuq Bay Street Holdings;

4.4. Fi kwalunkwe każ, tiġi ikkaġunata ħafna aktar ħsara jekk dan il-mandat ma jitħassarx għaliex Bay Street Holdings prattikament tkun twaqqfet mill-operat (b'detriment għall-operaturi kollha) milli jekk il-mandat jitħassar għaliex *in ogni* każ kull pretensjoni illi jista' jkollha Match Music hija kawtelata bil-proprjetà immobbli u bid-dħul tal-kirjiet. Anzi, għall-kuntrarju jekk il-mandat jinżamm fis-seħħ, u Bay Street Holdings tieqaf topera, tkun Match Music Stores ukoll illi titlef il-garanzija ta' dak illi tippretendi illi huwa dovut lilha;

4.5. Kif ingħad minn dina l-Onorabbli Qorti f'żewġ digrieti reċenti – "Tal-Ġeneral Company Limited vs Kunsill Lokali Mosta" degretat nhar l-24 ta' Frar, 2010 u "Charles Agius vs Agius Stone Works" degretat nhar l-1 ta' Marzu, 2010 – mandat ma għandux jintalab u jinħareġ biex iġib allegat debitur għarkubbtejh. Dan li qiegħda tagħmel Match Music Stores iżda mhux kontra debitur tagħha, kontra kreditur!

4.6. Għalhekk Bay Street Holdings titlob illi dina l-Onorabbli Qorti mhux biss tqis il-mandat ta' sekwestru b'ċirkospezzjoni iżda titlob ukoll illi jiġi revokat għaliex ma teżisti ebda raġuni valida sabiex jinżamm fis-seħħ għaliex evidentament kulma qiegħed jikkaġuna hija ħsara;

**5. Penali**

5.1. L-artikolu 836 (8) (b) jgħid illi jista' jkun hemm lok għall-impożizzjoni ta' penali jekk – f'każ illi d-dejn ma jkunx wieħed likwidu – ma tkunx saret interpellazzjoni sabiex l-allegat debitur jipprovdi sigurtà biżżejjed għal tali pretensjoni u dan dejjem sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ta' urġenza;

5.2. Kif jirriżulta mill-kontro-talba, id-danni mitluba minn Match Music Stores huma *da liquidarsi* u inoltre kien biss bil-ħruġ tas-sekwestru in kwistjoni illi Bay Street Holdings saret taf illi Match Music Stores qegħda tippretendi €573,109 f'danni;

5.3. Interpellazzjoni biex l-esponenti tipprovdi garanzija ma saritx u lanqas kien hemm xi raġuni biex il-mandat ta' sekwetru jinħareġ b'urġenza. Kieku kien hemm urġenza l-mandat kien jintalab f'Diċembru, 2009 kontestwalment mal-preżentata tal-kontro-talba;

5.4. L-artikolu 836 (8) (ċ) jgħid illi l-penali tiġi imposta wkoll jekk jinħareġ mandat jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

5.5. Hemm lok illi l-penali ikkontemplata mil-liġi tiġi imposta taħt dan is-sub-paragrafu wkoll għaliex Match Music ma setgħetx ma tkunx taf illi bħala proprjetarja tal-kumpless Bay Street Holdings għandha assi li huma aktar milli biżżejjed biex tiżgura kull pretensjoni illi jista' jkollha. Madanakollu jidher illi għażlet illi minflok timxi bil-prudenza, tipprova tikseb vendikazzjoni bi strument legali illi hija indubbjament abbużat minnu. Il-kapaċità finanzjarja ta' Bay Street Holdings ġjà ġiet murija aktar 'il fuq f'dan ir-rikors fejn ingħad illi, apparti d-dħul ta' kirjiet, il-proprjetà immobbli tagħha tiswa **€40,620,622**;

5.6. Jirriżulta wkoll illi t-talba ta' Match Music Stores għall-ħruġ tal-mandat kienet waħda li saret b'malizzja, jew li hija frivola jew vessatorja għar-raġuni illi – kif spjegat – hija manuvra surrettizja oħra ta' theddid fil-konfront ta' Bay Street Holdings sabiex dina taħfer id-debitu dovut lilha. Saret b'malizzja u vendikazzjoni sabiex toħnoq lill-kumpanija esponenti milli tkompli topera u tagħmel lill-istess lin-negozjanti l-oħra li għandhom ħanut ġewwa l-kumpless. Hija wkoll frivola u vessatorja għaliex hija pwerili meta mqabbla mal-mezzi finanzjarji tal-esponenti;

5.7. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, Bay Street Holdings issostni illi dina l-Onorabbli qorti għandha timpani penali fuq Match Music Stores fil-massimu illi tippermetti l-liġi;

**6. Artikolu 838A**

6.1. Illi mis-suespost tirriżulta kawża ġusta, Bay Street Holdings tissottometti illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna lis-sekwestranti Match Music Stores illi, f'każ illi ma tintlaqax it-talba għar-revoka tal-mandat tagħha, Match Music Stores għandha tagħti garanzija għall-ħlas tal-penali, danni u imgħaxijiet u fin-nuqqas tneħħi l-att kawtelatorju. Il-garanzija għandha tkun proporzjonata mat-telf illi ser issofri Bay Stret Holdings jekk il-mandat ta' sekwestru jibqa' fis-seħħ u għalhekk ċertament ma għandhiex tkun anqas mill-ammont indikat minnha bħala sorte fil-mandat in kwistjoni. Għal kuntrarju, għandha tkun ħafna aktar min-nofs miljun Euro għaliex in-negozju illi ser jisfaxxa jiswa ħafna aktar minn hekk;

Għaldaqstant Bay Street Holdings umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. fl-ewwel lok, tordna t-tħassir tal-att kawtelatorju *ai termini* tal-artikolu 836 (1) (ċ), (d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif hawn fuq spjegat;

2. fit-tieni lok, tikkundanna lis-sekwestranti Match Music Stores tħallas lil Bay Street Holdings penali ta' mhux anqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€ 6,988.12) *ai termini* tal-artikolu 836 (8) (b), (ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif hawn fuq spjegat;

3. fit-tielet lok u fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel talba, tordna lis-sekwestranti Match Music Stores sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, tagħti garanzija skond l-artikolu 838 A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra Match Music Stores.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata, ppreżentata fid-19 ta' Mejju 2010, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi din hija n-nota *ai termini* tas-sub-artikolu 836(3) tal-Kap XII ossia risposta tal-esponenti kumpanija rikonvenzjonanti għar-rikors imressaq mill-attriċi rikonvenuta wara li l-Onorabbli Qorti laqgħet talba tal-konvenuta esponenti għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-istess kumpanija attriċi rikonvenzjonata.

Titlob il-konvenuta rikonvenjenti illi t-talbiet tal-attriċi jiġu miċħuda għal kollox bl-ispejjeż kontra l-istess għaliex huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Titlob ukoll il-konvenuta rikonvenjenti illi, flimkien mar-rifjut tat-talbiet tal-attriċi rikonvenzjonata, l-istess Qorti tħassar id-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2010, permezz ta' liema kienet laqgħet it-talba tal-attriċi rikonvenzjonata sabiex pendenti l-eżitu tal-preżenti rikors għar-revoka, kienet ordnat lis-sekwestratarji sabiex minnufih ma jgħaddux għad-depożitu tal-fondi tal-esponenti taħt l-awtorità tal-Qorti b'notifika lis-sekwestratarji.

Il-konvenuta rikonvenzjonanti (minn issa issir referenza għaliha bħala 'MMSL') talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 707/2010) kontra l-attriċi rikonvenzjonata (minn issa, 'BSHL').

BSHL talbet ir-revoka fl-intier tiegħu tal-mandat ta' sekwestru milqugħ mill-Qorti kif ukoll diversi miżuri oħra, prattikament kull miżura li jikkontempla l-kodiċi.

L-Onorabbli Qorti ordnat illi r-rikors għar-revoka ta' BSHL jiġi notifikat lil MMSL sabiex dina tippreżenta nota ta' tweġiba bis-sottomissjonijiet tagħha flimkien ma' dokumenti fi żmien sebgħat ijiem min-notifika, kif l-esponenti qegħda tagħmel permezz ta' din ir-risposta.

Il-paragrafi tar-rikors ta’ BSHL sejrin jiġu mwieġba wieħed wara l-ieħor, u sejra tinżamm l-istess numerazzjoni li ngħatat lill-paragrafi f’dak ir-rikors, qabel ma jiġu trattati waħda waħda t-talbiet ta’ BSHL.

1.1 BSHL fil-fatt talbet il-kanonizzazzjoni ta’ krediti illi allegatament u skond hi huma dovuti lilha minn MMSL.

1.2 Huwa minnu illi MMSL ressqet kawza rikonvenzjonali kontra BSHL fejn talbet likwidazzjoni tad-danni kaġunati lilha mill-istess BSHL, dana kif dettaljat fit-test tal-kontro-talba stess (illi ġiet ukoll annessa mal-mandat ta’ sekwestru ppreżentat mill-esponenti). Din il-kontro-talba tressqet għal raġunijiet kompletament validi u fondati u ġiet preċeduta minn numru kbir ta’ interpellazzjonijiet, kemm verbali kif ukoll bil-miktub, kif ukoll ġiet preċeduta minn ittra uffiċjali debitament notifikata lil BSHL u datata 17 ta’ Novembru, 2009, li kopja tagħha hija annessa mal-eċċezzjonijiet u kontro-talba ta’ MMSL f’din il-kawża stess. Fil-kontro-talba, l-esponenti MMSL tispjega illi minħabba inadempjenza kontrattwali rejterata ta’ BSHL, hija sofriet danni ta’ natura inġenti ħafna, hekk kif spjegat fil-premessi tal-kontro-talba a fol. 112 *et seq*. BSHL, minflok adempiet mal-obbligazzjonijiet assunti fil-ftehim iffirmati bejn il-partijiet – liema ftehim jimportaw korrispettiv finanzjarju kbir ħafna favur BHSL – effettivament xekklet lil MMSL fl-operat tagħha flok ħallietha topera kif miftiehem u għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet.

Il-konvenuta rikonvenjenti kienet daħlet fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet bl-intendiment illi tkun tista’ topera mill-*area* deżinjata u assenjata lilha bla xkiel *entro* t-termini tal-ftehim u tal-klawżola 8 tal-ftehim BS1 imma bl-intendiment illi minn hemmhekk tkun tista’ tmexxi liberament in-negozju u l-kummerċ tagħha u bl-intenzjoni illi ma tiġix imxekkla milli tirrealizza profitt mill-istess proġett, imma anzi illi l-attriċi rikonvenuta twettaq l-obbligi tagħha skond il-ftehim. Madanakollu, l-attriċi BSHL, probabbilment sabiex tikkuntenta operaturi oħra fl-istess kumpless u a skapitu u a dannu dirett ta’ MMSL, irrelegat l-area operata minn MMSL għal waħda sekondarja għall-aħħar minkejja l-obbligi tagħha fil-ftehim kif ukoll minkejja l-

assigurazzjonijiet mogħtija lir-rappreżentanti ta' MMSL meta jkun ser jiġi konkluż u ffirmat kull ftehim, u naqset kemm-il darba u ripetutament milli tottempera ruħha mal-obbligazzjonijiet illi kienet assumiet skond il-ftehim.

Tali dan l-aġir dannuż da parti ta' BSHL, jammonta għal inadempjenza kontrattwali, wassal għal telf inġentissimu ta' profitti u ppreġudika l-kummerċ u negozju tal-konvenuta rikonvenjenti u l-fattibilità tal-ħanut stess ġewwa l-kumpless.

MMSL, kif ser jiġi ippruvat fil-kawża, meta jasal il-punt illi fih l-esponenti skond il-proċedura għandha tressaq il-provi tagħha, ma tħallietx topera skond kif kienet imwegħda li ser titħalla topera skond il-ftehim, dana minħabba l-inadempjenza kontrattwali rejterata tal-attriċi, kif ukoll minħabba l-aġir dirett tal-istess BSHL.

BSHL, permezz tal-azzjonjijiet tagħha illi wasslu għal tali inadempjenza, tellfet lill-esponenti l-kummerċ u l-profitti u għalhekk ġew ikkawżati danni inġenti lill-konvenuta rikonvenjenti, dana wara li kisret ripetutament, minkejja bosta interpellazzjonijiet f'dan ir-rigward, numru kbir ta' klawżoli applikabbli u naqset minn diversi obbligazzjonijiet illi kienet daħlet responsabbli għalihom, fosthom dawk disposti mill-artikoli numerati wieħed (1) u / jew tnejn (2) u / jew tlieta (3) u / jew erbgħa (4) tal-ftehim anness mar-rikors ġuramentat bħala 'BS2', dana kollu kif sejjer jiġi spjegat f'dina l-kawża.

Il-valur tad-danni subiti ġie likwidat <u>għall-finijiet tal-mandat biss</u> fl-ammont ta' EUR573,109. L-entità u l-konsistenza tal-ammont mitlub hija spjegata b'mod inekwivokabbli fil-prospett anness mal-mandat ta' sekwestru bħala dokument 'C'.

1.3 Mhuwiex veru li MMSL hija kumpanija falluta, għalkemm ġiet milquta negattivament ħafna mill-aġir ta' BSHL illi ikkawżatilha danni kbar. MMSL hija parti minn grupp ta' kumpanniji u kieku – imma mhux ser ikun il-każ – il-Qorti kellha tikkundannaha tħallas xi somma lil BSHL, il-ħlas isir. Din il-konsiderazzjoni però, ma għandha

x'taqsam xejn mal-preżenti proċedura għaliex hawn si tratta dwar id-dejn dovut minn BSHL lil MMSL u mhux *vice versa*. Id-danni li sofriet MMSL minħabba l-aġir ta' BSHL huma reali u tanġibbli.

1.4 Jekk kien hemm xi ħaġa li kienet premeditata, dana kien l-aġir ta' BSHL illi, għal raġunijiet tagħha, u biex tikkuntenta operaturi oħrajn, kisret ripetutament il-kondizzjonijiet tal-ftehim a detriment ta' MMSL. Dana meta hija kienet taf illi fi kwalunkwe każ, MMSL kienet marbuta kontrattwalment għal perjodu *di fermo*, tagħmel x'tagħmel BSHL. Dak illi BSHL tirreferi għalihom b'qerq fir-rikors tagħha bħala kredituri oħra hija biss kumpanija waħda estera illi għandha kawża kontra MMSL dwar talba għall-ħlas ta' konsenja ta' merkanzija li ma kienitx tal-kwalità pattwita u li parti minnha ġiet ikkonsenjata lil terzi l-Polonja u ġiet fatturata żbaljatament.

Ir-rikors numru 1125/2009JZM ma huwa xejn ħlief skuża ta' BSHL biex, apparti ir-ruxxmata mandati u proċeduri varji li ressqet kontra MMSL, addirittura artifiċjożament inventat kawża fejn qegħda titlob l-istralċ tal-kumpanija – meta lanqas biss jeżisti kreditu kanonizzat ta' ebda tip kontra MMSL – u fl-istess ħin, għamlet ukoll talbiet kontra id-diretturi tal-kumpanija personalment, meta legalment dawn ma setgħetx assolutament tagħmilhom f'tali stadju, la *ai termini* tal-artikolu 315 u lanqas *ai termini* tal-artikolu 316 tal-Kap 386, dana għall-uniku skop illi a bażi ta' tali kawża tagħmel, kif għamlet, mandati kontra l-istess diretturi tal-kumpanija MMSL personalment, inklużi mandat ta' sekwestru u saħansitra mandat ta' inibizzjoni fuq l-assi personali tad-diretturi. Jekk hemm xi parti illi moralment (biex ma nsemmux legalment) qegħda taġixxi b'mod skorrett, din hija il-kumpanija BSHL, għaliex qegħda tagħmel dawn il-proċeduri kollha biex tkompli tagħfas lil MMSL u r-rappreżentanti tagħha sabiex jaslu għal ftehim aħħari skond il-kundizzjonijiet li trid hi u kostantement għaddejja bit-theddid ta' aktar azzjonijiet legali.

1.5 Għandha jew għandhiex MMSL assi realiżżabbli f'dan l-istadju ma huwiex relevanti għall-finijiet tal-proċeduri

preżenti, għaliex hawn hija MMSL illi għandha kreditu li trid tikkawtela kontra BSHL, u mhux bil-kontra.

1.6 BSHL illum abbużivament jidher illi ħadet pussess tal-fond *de quo*. Iċ-ċwievet kienu nżammu minn marixxall tal-Qrati imma jirriżulta illi issa BSHL qabdet u tat il-fond lil terzi.

1.7 MMSL ma għamlet ebda rikatti, kienet fil-fatt BSHL illi għamlet rikatti, kif hawn jingħad. Mandat kawtelatorju jista' jsir minn għoxrin jum qabel il-ftuħ ta' kawża sad-determinazzjoni finali tal-istess kawża. Mandat jista' jitressaq f'kull żmien waqt il-perdurata tal-kawża. Tista' tagħmlu meta trid mingħajr ix-xkiel illi xi ħadd jipprova jinterpreta l-intenzjonijiet tiegħek skond il-mument meta effettivament tagħmlu. Is-sekwestrant għandu kull dritt jinkludi, bħala sekwestratarju, lil kwalunkwe persuna li għandha f'idejha assi tas-sekwestrat. Ċertament illi l-entitajiet illi joperaw mill-kumpless għandhom ikollhom flejjes f'idejhom illi huma tal-kumpanija sekwestrata, u MMSL għandha dritt sakrosant illi titlob u jintlaqa' favuriha mandat ta' sekwestru meta hemm kawża pendenti fuq l-istess mertu, dana *del resto* kif għamlet ukoll BSHL kontra MMSL.

Il-liġi ma timponix limitu dwar in-numru ta' sekwestratarji, allura wieħed jista' jindika kemm irid, diment illi jħallas għan-notifiki relativi ladarba, kif ġara, il-mandat jintlaqa' mill-Onorabbli Qorti.

1.8 Jirriżulta illi BSHL ma tinżel qatt mill-pedistall li bniet lilha nnifisha mibni fuq allegazzjonijiet ta' *righteousness* da parti tagħha u ta' malinjità u kriminalità addebitati lil kull min hemm madwarha, bl-istess mod allura hija tgħammed is-sekwestru maħruġ kontriha, liema sekwestru il-Qorti diġà laqgħet, bħala xejn inqas minn abbuż ġudizzjarju. Fl-istess ħin, BSHL ma tħossx illi hija problema illi hija artifiċjożament tinventa kawża biex iżżomm lid-diretturi ta' MMSL personalment responsabbli u żżommilhom l-assi kollha tagħhom bla raġunijiet validi fil-Kapitolu 386, imma skond hi huwa inġust illi MMSL titlob u tottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju kontra BSHL meta MMSL fl-aħħar

mill-aħħar għandha kawża mressqa kontra BSHL dwar dana kollu. Saħansitra, anki kieku l-kawża kienet għadha ma nfetħitx, ukoll MMSL kien ikollha d-dritt li titlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, aħseb u ara meta tkun diġà inoltrat kawża, kif għamlet, kontra l-kumpanija BSHL.

Hija assolutament miċħuda bħala mhix vera l-allegazzjoni illi MMSL kienet ġjà ben konxja u avżata li ma hemmx lok illi jinħarġu atti kawtelatorji fil-konfront tal-esponenti. Sa fejn jafu r-rappreżentanti ta' MMSL, intima ta' dan it-tip qatt ma ġiet riċevuta. Barra minn hekk, l-opportunità *o meno* tal-ħruġ ta' mandat ma tiddependix mill-allegazzjonijiet tal-eventwali intimat. Fil-kawża l-attriċi permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha għar-rikors ġuramentat odjern teċċepixxi illi l-attriċi jeħtieġ illi qabel xejn iġġib prova illi hija tabilħaqq, kif tallega, proprjetarja tal-kumpless Bay Street Tourist Complex. Sa fejn jafu r-rappreżentanti ta' MMSL, l-ewwel nett din il-prova ma jidhirx li ġiet preżentata. Barra minn hekk, u anki kieku stess, jekk il-proprjetà tal-kumpless hija tal-attriċi dana ma jfisser bl-edba mod illi l-kreditu ta' MMSL ser ikun kawtelat b'daqshekk. BSHL għandha rbit kbir mal-banek u x'aktarx il-proprjetà kollha hija mogħtija bħala security lill-istess banek. Dana jfisser illi l-kreditu ta' MMSL ma huwa kawtelat xejn u bl-ebda mod apparti b'dan il-mandat.

Kieku verament li l-allegata proprjetà tal-kumpless kienet bastanti biex teknikament tissoddisfa l-kreditu allegat minn MMSL, kieku BSHL kienet tippreżenta mar-rikors tagħha għar-revoka:

- Prova li l-kumpless huwa proprjetà tagħha;

- Prova li l-kumpless ma huwiex miżmum favur terzi permezz ta' *securities*, ipoteki jew privileġġi, eċċetera.

Kif ser naraw iktar 'il quddiem, BSHL mhux biss ma għamlitx hekk, imma efettivament ħbiet billi neħħiet, minn dokument eżibit mar-rikors, id-dettalji rigwardanti ipoteki, privileġġi u *charges* mal-banek.

1.9 Jirriżulta ċar illi l-mandat mitlub minn MMSL u akkordat mill-Qorti ma huwa abużiv bl-ebda mod, anzi huwa att leġittimu u sakrosant mitlub u milqugħ sabiex jipproteġġi l-interessi ta' MMSL u l-kreditu tagħha, bl-istess mod kif għamlet BSHL in kawtela tal-kreditu li tallega hija. Għalhekk, it-talbiet kollha msemmija fil-premessa li ġġib dan in-numru huma altament infondati u diretti biss biex jissikkaw lil MMSL u lid-diretturi tagħha, issa li BSHL għamlet kulma riedet u ressqet kulma setgħet tressq – anki dak li ma setgħtex – quddiem il-Qorti biex tikkawtela l-allegati drittijiet tagħha.

Wara kollox, naturalment, l-indaġini li għandha tagħmel l-Onorabbli Qorti hija biss waħda *prima facie*;

Din il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-pendenza meta tiġi biex tqis il-fondatezza *o meno* tar-raġunijiet li wasslu lir-rikorrenti sabiex tressaq il-proċedura odjerna. Din il-Qorti hija prekluża milli tagħti ġudizzju fil-mertu għax dak mhux l-iskop tal-proċedura skont l-Art. 836 tal-Kap.12 ("Camilleri vs Gove" – PA/RCP – 10 ta' Mejju 2001).

It-talba għar-revoka *ai termini* tas-sub-artikolu 836(1)(c) u (e) tal-Kap XII

Il-liġi taqra hekk:

(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;

(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed;

L-ewwel ipoteżi kontemplata mis-sub-artikolu (c) hija dik ta' garanzija xierqa permezz ta' att kawtelatorju ieħor, f'każijiet meta b'mandat ieħor maħruġ mill-istess parti rikorrenti kontra l-istess parti intimata, ikun ikkawtela biżżejjed l-ammont pretiż mir-rikorrenti.

Dana ma jista’ qatt japplika għas-sitwazzjoni in kwistjoni għaliex l-esponenti talbet il-ħruġ ta’ mandat wieħed biss – il-mandat ta’ sekwestru odjern. Ma hemm ebda att ieħor illi jiżgura l-pretensjonijiet ta’ MMSL.

It-tieni ipoteżi hija dik ta’ garanzija xierqa illi tkun qegħda, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, tassigura biżżejjed il-pretensjoni ta’ min talab il-ħruġ tal-mandat.

L-iprem eżempju ta’ dana tkun per eżempju ċedola ddepożitata l-Qorti bil-valur tal-mandat, jew garanzija bankarja li tkopri s-*sorte* mitluba u l-ispejjeż. Ċertament illi s-sub-artikolu ma għandux jinftiehem illi jkopri sitwazzjonijiet fejn tiġi intimata bħal BSHL u tgħidlek illi, għaliex hija allegatament proprjetarja ta’ kumpless, allura ma tistax tagħmel mandat kontriha sabiex tiżgura pretensjoni tiegħek.

Dwar is-sub-paragrafu (e), kjarament BSHL ma hija qegħda tagħti ebda garanzija sodisfaċenti *ai termini* ta’ dan is-sub-artikolu. Qegħda biss tilmenta u tallega li għandha ħafna assi. Imma garanzija mkien ma tagħti u mkien ma toffri illi tagħti.

Tassew, kieku BSHL kienet komda u likwida kif qegħda tgħid hi (ħaġa li, issa naraw li ma hija vera xejn) kienet mill-ewwel toffri garanzija tabilħaqq xierqa bħal garanzija bankarja. X’aktarx dana huwa impossibbli li jsir minħabba l-kundizzjoni finanzjarja nċerta tagħha, u għalhekk kellha tittenta s-soluzzjoni odjerna.

Jekk wieħed jeżamina r-rapport peritali, fit-tieni paġna, l-ewwel nofs tal-faċċata jikkostitwixxi kwalifiki fuq l-istess rapport, fosthom dik illi *no account is taken of any additional bid by an investor with a special interest*, u konsiderazzjonijiet oħra.

Isemmi wkoll l-istess Perit, u dan ukoll huwa mportanti, illi *The Guidance Notes refer to the fact that certain types of property designed or adapted for particular uses, invariably change hands in the open market at prices based directly on trading potential for a strictly limited use.*

Għalhekk, ukoll anki kieku stess, għal dir-raġuni jkun diffiċli ħafna illi MMSL tirrealiżża l-kreditu tagħha fuq xi parti mill-proprjetà waqt illi l-bqija tal-proprjetà tibqa' topera normalment. Anki għaliex kif jingħad il-proprjetà għandha *strictly limited use*.

Li hu importantissimu għall-finijiet tal-bżonn effettiv tal-mandat ta' sekwestru mressaq minn MMSL, huwa illi skond id-dokumenti finanzjarji eżibiti bħala addenda mar-rapport peritali, jirriżulta fil-Projected Cash Flow Statement ta' BSHL illi hemm fost affarijiet oħra s-segwenti djun:

- Existing Bank Loans ta' EUR8,821,874

- interessi fuq il-bonds fl-ammont ta' EUR608,209,

- *bond redemptions* ta' EUR4,000,000 fl-2011 u EUR3,602,609 fl-2012,

- *bank loan capital repayments* ta' EUR616,739 għall-2010 u EUR1,105,349 is-sena ta' wara u f'ammonti terġa' iktar fis-snin ta' wara;

- *Bank loan interest repayments* ta' EUR335,614 u iktar fis-snin immedjatament wara l-2010;

- Passivitajiet oħra għal iktar minn EUR20,000;

- *Legal and professional fees* għas-sena 2010 fl-ammont ta' EUR200,000;

- *Bank loan processing fees* ta' EUR49,200;

- *New OD interest income / costs* ta' EUR42,000;

- Dana kollu b'*cash at bank* ta' EUR15,671 minn taħt.

- U *closing balances* il-bank prospettati li jkunu fin-negattiv kontinwament tul il-ħames snin li ġejjin.

Għalhekk l-opinjoni tal-esponenti MMSL hija illi l-ħruġ u ż-żamma *in vigore* tal-mandat preżenti huma mhux biss ġustifikatissimi imma neċessarji tenut kont tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' BSHL.

Barra minn hekk, wieħed ma għandux iħares biss lejn il-valur tal-proprjetà ta' BSHL mingħajr ma jittieħdu in konsiderazzjoni, fost affarijiet oħra, il-passivitajiet (inġentissimi f'dan il-każ), id-diffikoltà biex wieħed ikun jista' jirrealiżża tali kreditu fuq l-immobbli tal-kumpless, il-pregradwar tad-diversi banek u istituzzjonijiet finanzjarji, il-bonds, u numru kbir ta' konsiderazzjonijiet oħra.

Ukoll, ir-rapport peritali anness mar-rikors ta' BSHL ikompli jagħmel numru ta' disclaimers oħra, bħal per eżempju:

*We have made no allowance for registered hypothecs, privileges or other charges which may exist, either in respect of the balance of any loan capital repayments or interest thereon (<u>however a description of the registered hypothecs and charges existing over the Property as supplied to us by the Property Owners is attached as Annex "B"</u>)*

Dan il-paragrafu huwa l-aħħar wieħed fil-paġna 3 tar-rapport. BSHL però, għażlet illi l-Annex B ma tippreżentahx lill-Onorabbli Qorti.

Dana naturalment, apparti li jimmutila r-rapport peritali minn dokument li teknikament jifforma parti integrali mill-istess rapport u għalhekk jirrendih pratikament inattendibbli, <u>sar b'intenzjoni</u> <u>ħalli ma jidhrux l-ipoteki, il-privileġġi, *charges* u irbit oħra li għandha BSHL</u>.

BSHL tgħidilna li għandha proprjetà tiswa EUR40,000,000 imma ma tippreżenta parti nieqsa minn dokument biex ma turix x'inhuma l-ipoteki, il-privileġġi u *charges* oħrajn tagħha, ma ġġibx lanqas prova ta' proprjetà u fl-istess ħin tippretendi li għandha titwemmen minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-kreditu ta' MMSL huwa awtomatikament kawtelat għax il-bini huwa tagħha, dana meta l-*mala fede*

ta' BSHL toħroġ daqshekk ċara mid-dokumenti preżentati (jew, aħjar, mhux preżentati), minnha stess.

Bl-istess mod, BSHL lanqas ma tgħid illi hemm żewġ kawżi kontriha għaddejjin fl-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif diversament presjeduta fl-ismijiet Saint George's Bay Hotel Limited vs Bay Street Holdings Limited numri 85/2001JRM u 142/2008AL kif ukoll kawża kontriha fil-Qorti tal-Maġistrati.

Minkejja d-diskors kollu tagħha, BSHL għandha iktar kawżi fejn qegħda fil-pożizzjoni ta' konvenuta minn MMSL.

BSHL taġixxi b'mod u b'attitudni illi għaliex skond hi stess, hija entità kbira, allura minħabba l-kobor tagħha hija dejjem għandha raġun u kull avversarju għandu tort awtomatiku. Dana meta l-protezzjoni tal-Qorti għandha fil-fatt tassigura d-dritt ta' min huwa żgħir illi ma jiġix ikkalpestat minn min huwa ikbar minnu u jiflaħ jiftaħ ħafna kawżi kontrih, bħalma huwa fil-każ odjern.

Dwar l-allegazzjoni ta' BSHL illi l-kreditu ta' MMSL jista' wkoll jitħallas mill-*operating fees* dana huwa kjarament soġġett għall-fatt illi hemm il-banek kredituri kif ukoll l-ipoteki, il-privileġġi u ċ-*charges* u min jaf kemm-il ħaġa oħra mhux mistqarra fejn iridu jmorru l-proventi ta' dawn l-*operating fees*, meta jidħlu u wara li jinqatgħu minnhom l-ispejjeż tal-amministrazzjoni.

Għalhekk it-talba għar-revoka *ai termini* tas-sub-artikoli suesposti għandha tinċaħad.

**Talba għar-revoka *ai termini* tas-sub-artikolu 836(1)(d) tal-Kap XII**

Fil-punt 3 tar-rikors ta' BSHL issir referenza erroneja għal tali sub-artikolu meta fil-fatt il-paragrafu jirreferi għas-sub-artikolu (d) tal-artikolu 836(1).

Dan is-sub-artikolu jgħid hekk:

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv;

Kif spjegat fid-digriet fl-ismijiet "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd" mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar, 2001:

Illi l-bazi għaliex sar dan ir-rikors għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 3927, hija dik elenkata mill-istess rikorrenti taħt l-artikolu 836 (1) (d), u ċjoe`:-

*"Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv".*

Illi mela allura l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.

Din is-sentenza tkompli, relevantement għall-vertenza odjerna, hekk:

Illi l-punti jekk hijiex is-socjeta' rikorrenti li għandha tħallas tal-istess, jekk tapplikax il-preskrizzjoni, u jekk tali materjal u / jew xogħol humiex tal-kwalita' pattwita jew sarux skond l-arti u s-sengħa, jolqtu l-mertu tad-difiża tas-socjeta' rikorrenti fil-kawża proprja, u għalhekk għandhom jiġu trattati u deċiża proprju fil-kawża nnifisha, u mhux f'dan l-istadju tal-proċeduri, għaliex altrimenti wieħed neċessarjament ikun irid jidħol fil-mertu tal-kawża stess, u dan imur *oltre* l-ġudizzju *prima facie* li din il-Qorti, f'dan l-istadju hija tenuta li taddotta skond l-istess ċitat artikolu li a bażi tiegħu s-soċjeta' rikorrenti ppreżentat ir-rikors odjern.

Illi fil-fatt dawn ir-raġunijiet kollha msemmija mill-istess soċjeta' rikorrenti, jiffurmaw l-eċċezzjonijiet tagħha fil-kawża proprja għall-kontro-talba tas-soċjeta' intimata, b'dan li anke jekk fl-istess kawża tali eċċezzjonijiet tas-

soċjeta' rikorrenti jiġu milqugħa kollha jew *in parte*, xorta ma jwaslux għall-konklużjoni li l-pretensjoni tas-soċjeta' intimata vantata minnhom fil-mandat premess ma teżistix *prima facie* f'dan l-istadju. Kieku kien mod ieħor qatt ma jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, għaliex l-eżistenza jew il-konsistenza ta' kull pretensjoni tiġi biss finalment determinata bis-sentenza li tgħaddi in ġudikat, u ċertament li dan imur kontra r-*raison d'etre* tal-Mandat Kawtelatorju, ibbażata fuq il-prinċipju tal-eżistenza *prima facie* ta' dritt li għandu jiġi kawtelat.

Dina l-Onorabbli Qorti diġà akkordat il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kontra BSHL, għaliex rat, wara li tkun fliet ir-rikors ta' MMSL u d-dokumenti annessi, illi t-talba, anki in rigward għall-ammont, hija waħda ġustifikata u mhux eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha.

F'dawn il-proċeduri, kien jispetta lil BSHL illi turi konvinċentement li l-ammont kawtelat huwa *prima facie* mhux ġustifikat jew eċċessiv, għaliex dawn il-fatti, u dana jgħidha is-sub-artikolu in kwistjoni stess (suffragat mis-sentenzi), għandhom kieku vera jeżistu, jintwerew lill-Qorti.

BSHL ma ġabu <u>ebda</u> prova tendenti għal tali turija illi tista' tiskossa l-jedd *prima facie* ta' MMSL.

In rigward għall-paragrafu numerat 3.3 fir-rikors ta' BSHL, il-kontenut tiegħu juri illi BSHL jew ma fehmitx l-eċċezzjoni imsemmija u miġjuba fil-kawża, jew inkella qegħda tagħmilha ta' bir-ruħha li ma fehmithiex għall-iskopijiet u intenzjonijiet tagħha.

L-eċċezzjoni in kwistjoni, illi hija l-eċċezzjoni numru 4 fir-risposta ġurmentata ta' MMSL u taqra hekk:

Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-dokument 'BS3' ossia allegat ftehim datat il-15 ta' Diċembru, 2006 anness mar-rikors ġuramentat ma jorbot bl-ebda mod lill-eċċipjenti għaliex ma huwiex iffirmat minn żewġ diretturi flimkien, hekk kif kellu jkun skond l-istatut u l-artikoli ta' assoċjazzjoni tal-eċċipjenti, fejn hemm dispost

illi “Legal and judicial representation of the company is vested jointly in any two directors serving on the Board of Directors of the Company”. Kopja tal-istatut u l-artikoli tal-assoċjazzjoni hija annessa bħala dokument ’M1’. Isegwi għalhekk inter alia illi il-klawsola numru 18 tad-dokument anness mar-rikors ġuramentat bħala dokument BS1 ma ġiet qatt mibdula u għadha taqra hekk kif kienet taqra fid-dokument BS1. Isegwi għalhekk illi l-proċedura segwita mill-attriċi u dettaljata fir-rikors ġuramentat, in rigward għas-service charge u in rigward għall-ammonti oħra mitluba, in kwantu mnehdija skond il-klawsola 18 kif l-attriċi xtaqet temendaha skond id-dokument BS3, hija waħda invalida. Isegwi ukoll illi dik illi mill-attriċi fir-rikors ġuramentat tissejjaħ bħala klawsola riżolutiva espressa kif stipulata fi klawsola 18 tal-ftehim Operation of a Business Concern introdotta bl-addendum tal-15 ta’ Diċembru, 2006. (paragrafu 6 tal-premessi attriċi) hija assolutament inapplikabbli għall-vertenzi mertu ta’ din il-kawża. Isegwi għalhekk ukoll illi la din il-klawżola riżolutiva espressa ma torbotx lill-partijiet għaliex qatt ma sar ftehim dwarha, allura, il-ftehim bejn il-partijiet għadu mhuwiex terminat. Illi l-attriċi tant hija konxja minn dana illi ma ssemmix dana l-allegat ftehim la fl-ittra tagħha annessa mar-rikors ġuramentat bħala ‘BS5’ u lanqas f’dik annessa bħala ‘BS6’, pero’ wara tibda tinvolvi l-allegat ftehim fl-azzjonijiet kollha illi ħadet minn hemm ’l hinn u għalhekk irrimedjabbilment ivvizzjat il-proċedura kollha intrapriża minnha.

Fl-opinjoni tal-esponenti l-kontenut tal-eċċezzjoni huwa ċarissimu, u ċjoe’ illi din hija diretta lejn id-dokument BS3 u lejn l-atti kollha ta’ wara li wasslu għall-kawża attriċi, anki fis-sens proċedurali.

Imkien MMSL ma hija qegħda tallega n-nullita’ tal-ftehim preċedenti kronoloġikament għal BS3. Qegħda tgħid pero’ illi il-proċeduri kollha meħuda minn BSHL b’riħet tali ftehim BS3, huma invalidi għaliex il-klawżola riżolutiva espressa dettaljata fih (li fuqha BSHL sejjset l-azzjoni tal-kawża tagħha) ma tapplikax.

Anzi MMSL qegħda tgħid speċifikatament illi japplikaw il-ftehim ta' qabel, u fuq dawn (BS1 u BS2) qegħda issejjes il-kontro-talba tagħha. Għalhekk ma għandu jkun hemm ebda konfużjoni min-naħa ta' BSHL, għaliex it-talbiet ta' MMSL huma ċari, huma marbuta mal-ftehim preċedenti għall-allegat ftehim BS3, u it-test tal-mandat ta' sekwestru jirreferi direttament għall-istess kontro-talba.

Għalhekk, l-akkużi kollha mitfugħa lejn MMSL mill-kattedra ta' BSHL ta' frugħa, abbuż tal-proċess ġudizzjarju u tustaġni, huma kollha ir-riżultat ta' interpretazzjoni volutament *o meno*, żbaljata tal-allegazzjonijiet ta' MMSL kif dedotti fil-kontro-talba u fis-sekwestru stess.

Ħaġa ovvja li jekk wieħed jallega li ftehim mhux validu, imbagħad ma jistax jippromwovi azzjoni għal danni minħabba inadempjenza tal-istess ftehim.

MMSL, kif spjegat, mhijiex qegħda tagħmel hekk, allura l-ilment ta' BSHL f'dan ir-rigward huwa totalment infondat.

Fil-paragrafu 3.4 imbagħad BSHL tgħid li MMSL ma tispjega bl-ebda mod kif waslet għaċ-ċifra eżorbitanti tagħha.

Dana mhuwiex minnu, għaliex il-mandat stess huwa akkompanjat minn kopja tal-kontro-talba, u, iktar importanti minn hekk, minn prospett iffirmat mid-direttriċi ta' MMSL Johanna Grech, liema prospett jispjega b'mod ċarissimu u sewwa strutturat in-natura tal-kreditu pretiż, b'mod illi fil-fatt 99% tas-sekwestri ippreżentati lil dina l-Onorabbli Qorti jiġu ġeneralment milqugħa b'ħafna inqas informazzjoni minnhekk.

L-ammont ta' danni pretiż huwa iktar milli realistiku, dana wkoll meta MMSL investiet is-somma ta' EUR132,700 fil-ħanut kif ukoll ħallset xejn inqas mis-somma ta' EUR380,000 lil BSHL tul is-snin ta' operat.

Anness ma' din in-nota bħala dokument 'VG' hemm spjegazzjoni ulterjuri ta' Victor Grech dwar kif MMSL waslet għall-kalkolu tagħha ta' danni subiti.

Dwar l-allegazzjonijiet illi MMSL telqet mill-kumpless u żammet iċ-ċwievet, eċċetera, fil-kawża sejjer jirriżulta tabilħaqq illi il-proċedura adottata minn BSHL kienet kompletament invalida, ħaġa li BSHL taf imma tagħmel ta' bir-ruħħa li ma tafx. Ma hemm ebda penali dovuti għaliex it-termini li BSHL imxien magħhom huma kollha invalidi u dana kif ser jiġi muri waqt il-kawża.

MMSL mhijiex kumpanija falluta u lanqas ma kienet falluta mill-bidu, kif tallega BSHL. Tant huwa hekk illi, kif spjegat aktar 'il fuq, ħarġet flejjes kbar fuq dan il-proġett biex imbagħad tiġi trattata rejteratament hekk minn BSHL illi, komda mill-fatt illi hemm ftehim *di fermo* għal tul ta' snin, dehrilha li setgħet tagħmel li trid u tkasbar l-operaturi li ma jogħġbuhiex billi attivament u passivament tagħmillhom il-bsaten fir-roti tal-operat tagħhom.

Ta' dana kollu, BSHL hija responsabbli u għandha tinstab hekk responsabbli fil-kawża.

Mill-bqija, BSHL resset hija stess dokumenti li jissuffragaw is-suspetti ta' MMSL illi BSHL mhijiex likwida kif tipprova tagħti l-impressjoni li hi.

BSHL mhijiex xi bank jew xi entità tant solida li jekk tagħmillha sekwsetru tkun qiegħed titkessaħ għax taf li hemm assi biżżejjed. BSHL hija entità b'ħafna issues, anki issues serji ta' mismanagement tul is-snin, kif sejjer jiġi muri mix-xhieda ta' diversi operaturi u ex-operaturi waqt il-kawża.

BSHL ma tagħtix garanzija solida ta' ħlas f'każ illi tkun sokkombenti fil-kawża u għalhekk iż-żamma tas-sekwestru fl-intier tiegħu hija neċessarja.

*Inoltre* l-fatt illi mal-banek, il-bilanċ tagħha huwa negativ (kif jidher mid-dokument anness mar-rapport tal-Perit Mintoff), juri kemm tabilħaqq kien neċessarju illi l-mandat jiġi notifikat ukoll lil diversi operaturi bħala sekwestratarji. Kieku ma sarx dan, u l-mandat sar fuq il-banek biss, probabilment ma kien ikun hemm ebda depożitu l-Qorti.

Dan huwa l-uniku mezz illi għandha MMSL sabiex tikkawtela il-pretensjoni tagħha u għandu jinżamm fis-seħħ fl-intier tiegħu għar-raġunijiet miġjuba f'din in-nota.

Barra min hekk, għandu jingħad ukoll illi kieku kien veru li BSHL hija tant kumpanija bla problemi finanzjarji, ma kinitx taġixxi daqshekk tempestivament biex tattakka s-sekwestru, u saħansitra tressaq rikors mimli falsitajiet biex titlob lill-Qorti illi fil-mori tad-deċiżjoni finali dwar ir-rikors revoka, tgħid lis-sekwestratarji ma jiddepożitawx.

Għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jinċaħdu.

It-talba għar-revoka *ai termini* tas-sub-artikolu 836(1)(f) tal-Kap XII.

Dan is-sub-artikolu jaqra hekk:

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Ġie spjegat aktar 'il fuq b'mod estiż il-fatt illi mhux biss huwa raġonevoli imma li huwa vitali u neċessarju illi il-mandat jibqa' fis-seħħ fl-intier tiegħu.

Dwar ħsara, bil-fors li att kawtelatorju jagħmel ħsara. Ma jistax ikun mod ieħor. Dana bl-istess mod kif il-valanga mandati li ħarġet BSHL għamlu ħsara kemm lil MMSL kif ukoll lid-diretturi personalment.

Il-ħsara mhijiex raġuni għaliex mandat kawtelatorju ma għandux jibqa' fis-seħħ. Kieku ma kienx hekk, il-liġi ma kienitx tikkontempla l-eżistenza ta' tali mandati. Il-ħsara hija neċessarja għaliex huwa neċessarju l-ikkawtelar tal-pretensjoni ta' min għamel kawża u jixtieq li meta jieħu raġun, ikollu fuqhiex jeżegwixxi ir-raġun tiegħu.

F'kull każ, jekk BSHL hija miexja daqshekk tajjeb daqs kemm tgħid hi, mela ma tantx sejra tbati ħsara għaliex lanqas tħosshom l-effetti tas-sekwestru.

MMSL ma setgħetx tikkawtela l-pretensjoni tagħha b'mod ieħor, kif tgħid MMSL. Dana kien l-uniku mezz li kellha biex kumpanija tipproteġi l-interessi tagħha issa li fl-aħħar deher illi n-negozjati li kienu qegħdin isiru ma wasslux għal konklużjoni pożittiva.

Il-paragrafu 4.3 tar-rikors ta' BSHL jikkontjeni iktar diskors inkonsistenti u ekwivoku. Fl-istess nifs qed jingħad illi BSHL hija likwida u soda imma li dan is-sekwestru allegatament qed iwaqqfilha l-operat.

Meta ressqet il-mandati kollha tagħha, BSHL sabet akkoljiment min-naħa tal-Qorti, l-istess ħaġa illi MMSL qed titlob in sostenn tal-pretensjonjiegt tagħha dedotti f'kawża.

Dwar ir-referenza melodrammatika għall-għixien tal-operaturi tal-ħwienet fil-kumpless, ma jinftiehemx jekk BSHL qegħdiex tgħid illi l-operaturi sejrin jiġu effettwati, għaliex dawn ma huma sejrin jiġu effettwati bl-ebda mod. L-ammonti ta' *operation fees* jew kera jiġu depożitati l-Qorti flok jingħataw direttament lil BSHL. L-operaturi ma jkunu milquta bl-ebda mod.

MMSL ma hija qegħda tagħmel ebda vendikazzjoni. Għandha dritt titlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju – kif għandha dritt ukoll titlob il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji oħra jekk b'dan il-mandat il-pretensjoni minnha kawtelata ma tkunx sodisfatta, u qegħda taġixxi fil-parametri tal-liġi sabiex tipproteġi dak illi temmen li huwa tagħha u li, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tittutela, għaliex, jekk ma tkunx il-Qorti, MMSL ma għandhiex mezzi oħra kif tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha.

Mhuwiex veru li jekk il-mandat jibqa' fis-seħħ, BSHL twaqqaf l-operat tagħha. Din hija allegazzjoni mitfugħa mingħajr ebda bażi u mingħajr ebda korroborazzjoni ta' ħadd. Kieku dana kien veru, se mai BSHL kienet tressaq

rapport dettaljat redatt minn persuna esperta biex tikkonferma u tispjega ulterjorment.

Ma hemmx dubju li l-Qorti qieset, kif dejjem tagħmel, kull mandat b'ċirkospezzjoni u attenzjoni kbira, u ma hemmx dubju li hekk għamlet qabel ma awtorizzatu oriġinarjament.

Fid-Digriet fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 899/09 JZM fl-ismijiet:

"Jimmy Vella Limited vs Net Shop Limited; Russian Foods Limited; Katrina Zax" – P115502 mogħti fid-19 ta' Ottubru, 2009 Rikors Numru 556/2009, jingħad hekk dwar is-sub-artikolu in kwistjoni:

*"Din il-Qorti tgħid li hija trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen b'leġġerezza, kif ukoll li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv jiġi definit minn Qorti ("Mercieca vs Galea" – PA/RCP – 29 ta' Novembru 2001; "Dingli et vs Sant et" – PA/JRM – 27 ta' Awissu 2008). L-argument tar-rikorrenti huwa li l-mandat ma messu qatt inħareġ. Ir-raġuni pero' tolqot fil-qalba l-kwistjoni fil-mertu li allura trid titqies biss waqt is-smigħ tal-kawża. Jekk 'il quddiem, fid-deċiżjoni dwar il-mertu, se jingħad li s-soċjeta' intimata eżekutanti m'għandhiex jedd tesiġi ebda ħlas mingħand r-rikorrenti ……. xorta waħda ma jistax jingħad ex post facto li l-mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telf tal-kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li l-mandat kawtelatorju nħareġ neċessarjament b'mod fieragħ jew vessatorju ("Spiteri vs Camilleri" – PA/JSP – 10 ta' Jannar 1992).*

Dwar it-talba għal impożizzjoni ta' penali *ai termini* tas-sub-artikolu 836(8)(b)(ċ) u (d), dina wkoll hija infondata.

Il-prinċipji ta' tali dispożizzjoni huma kjarament eluċidati fid-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Frar, 2002, fl-ismijiet "Visual and Sound Communications Limited vs Mario Camilleri u martu Velimila Camilleri"

Ċitazzjoni Numru: 1509/97/RCP, fejn il-Qorti spjegat kif isegwi:

*"Illi l-pożizzjoni dwar kawża ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-konvenuti ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandati Kawtelatorji ġie trattat fil-kawża fl-ismijiet "Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri" (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:-3*

*(a) Illi huwa prinċipju fondamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju jkun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddiehor, in omaġġ għall-massima "Qui suo iure utitur non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-ċitaddin ma għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel.*

*(b) Illi tali dritt taċ-ċittadin għar-rikors lejn il-Qorti ma għandux jiġi abbużat.*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser neċessarjament li sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca"*
*("Demajo vs Page" - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895).*

*Dan għaliex għalkemm il-liġi hija l-istess għal kulħadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta għal diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u jiddeċiedi dwarhom.*

*(d) Illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpusa ("Agius vs Dott. Carbone nomine" - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel*

*fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". ("Mugliette vs Bezzina" - XXVI. I. 405).*

*(e) Illi dan l-aħħar prinċipju huwa bbażat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi:-*

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju għad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi: "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (Baudry - Lanactinerie. - Trattato Pratico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560).*

Ukoll l-istess sentenza tkompli:

*"Illi minn eżami tal-istess raġunijiet jidher ċar, li apparti xi raġunijiet speċifiċi li ġew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiż, sabiex bħalma stabbiliet il-ġurisprudenza konstanti fuq ċitata, ma jkunx hemm abbuż minn tali ħruġ ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuż huwa identifikat f'każijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negliġenza grossolana.*

*Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali każijiet ma eliminawx per prinċipju l-azzjoni ġenerali għad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap 16, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, ġiet illum kristalizzata bl-istess artikolu 836 (9). Dan għaliex l-istess artikolu introdott bil-liġi tal-1995, ikkodifika u applika l-prinċipji elenkati fil-ġurisprudenza ta' qabel, in materia ta' possibilita` ta'*

*azzjoni danni wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, u minn eżami tal-istess raġunijiet hekk elenkati, huwa diffiċli li wieħed jaħseb li hemm raġunijiet barra dawk elenkati fl-istess artikolu 836, fejn l-azzjoni in ġenerali tista' tirnexxi."*

Similment, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Lulju, 2004, "Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd":

*"Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilta' għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi.*

*Għalhekk, ġie deċiż li min jiftaħ kawża u jitlifha ma jkunx responsabbli għad-danni, sakemm il-ftuħ tal-kawża ma jkunx sar b'mod vessatarju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.I.223; u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa biss meta persuna taġixxi kapriċċjożament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwi l-aġir irresponsabbli tagħha.*

Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li ċ-ċirkustanzi ta' meta min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, tħoss li r-responsabbilta' trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negliġenza jew mhux bil-ħsieb ta' *bonus paterfamilias*. Din il-pożizzjoni tidher li kienet abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imħallef (illum President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawża "Spiteri vs Camilleri".

U hawnhekk l-istess Qorti tirreferi għas-sentenza fuq ċitata.

Effettivament, MMSL, a differenza ta' BSHL, ma ppreżentatx mandati kawtelatorji sabiex ma taggravax is-sitwazzjoni f'mumenti meta kien hemm taħdidiet bla preġudizzju bejn il-partijiet. Ma tistax tinżamm responsabbli għaliex għamlet il-mandat iktar tard fil-

kawża. *Oltre* minn dan, huwa ċar u dejjem ġie konkordement interpretat illi d-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu 836(8) jirreferu speċifikatament għall-mandati kawtelatorji li jsiru qabel il-kawża u mhux wara. Tant hu hekk illi is-sub-artikolu 836(8)(a) jaqra hekk:

*"Jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;"*

Barra minn hekk, diġà ġie spjegat *in extenso* iktar 'il fuq illi iċ-ċirkostanzi ta' BSHL mhumiex tali li ma jkunx hemm dubju raġonevoli dwar il-likwidità jew il-kapaċità ta' BSHL li tħallas għat-talba ta' MMSL, anzi, il-provi, anki dawk imressqa minn BSHL stess, juru frankament mod ieħor, u kif turi wkoll il-veemenza tar-reazzjoni għall-ħruġ tal-mandat, dwar allegazzjonijiet ta' malizzja, frivolezza u vessatorjetà, jidher ċar mis-suespost u mit-test tal-mandat stess illi xejn minn dana ma huwa minnu. MMSL qegħda teżerċita dritt legali tagħha, qegħda tagħmlu b'mod korrett *entro* l-binarji tal-liġi u ma hemm ebda raġuni għaliex għandha tiġi miżmuma jew ippenalizzata għaliex aġiet biex tipproteġġi l-interessi leġittimi tagħha.

Tul ir-rikors tagħha MMSL talterna mingħajr konsistenza ta' xejn bejn allegazzjonijiet ta' ħsara kbira subita u allegazzjonijiet ta' poter finanzjarju illimitat li mhux ser jiġi skalfit bil-ħruġ tal-mandat. Dana juri wkoll biċ-ċar in-nuqqas ta' onestà fil-posizzjoni assunta minn MMSL, illi tipprova tieħu kollox favuriha imma biex tagħmel dan tinqabad f'numru ta' kontrosensi u inkonsistenzi.

Jibqa' madanakollu il-fatt illi MMSL qegħda teżerċita dritt konferit lilha mil-liġi, li mhijiex qegħda tabbuża minn tali dritt, illi t-talba tagħha la ma hija vessatorja u lanqas magħmula *in mala fede*, u għalhekk it-talba *ai termini* tas-sub-artikolu 836(8) għall-komminar tal-penali kontriha ma għandhiex tintlaqa' għax hija kompletament infondata.

**It-talba għall-għotja ta' garanzija *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kap XII**

L-esponenti temmen li ma hemm ebda lok għall-ħruġ ta' garanzija għall-ħlas tal-penali (għaliex ma hemm lok fejn tiġi imposta ebda penali) u lanqas għad-danni u l-imgħax, għaliex l-esponenti qegħda sempliċement teżerċita jedd illi għandha skond il-liġi u wara kollox ma hemm ebda negozju li ser jisfaxxa bil-ħruġ tal-mandat u fil-fatt ma nġabet assolutament ebda prova dwar hekk. Allegazzjonijiet biss.

*D'altra parte* MMSL hija kumpanija milquta minn numru kbir ta' mandati maħruġa kontriha minn BSHL u jkun inġust li jkun hemm impożizzjoninjiet pekunjarji oħra apparti dawk diġà eżistenti permezz tal-mandati maħruġa u akkordati kontra l-istess kumpanija.

Barra minn hekk, BSHL ma ressqet ebda prova ta' introjtu mitluf jew simili minħabba l-ħruġ tal-mandat.

Fir-rigwardta' dana l-artikolu tal-liġi, Il-Prim'Awla esprimiet ruħha fis-sens illi jekk ma tinġabx prova ta' dannu effettiv, din it-talba ma tistax tintlaqa':

Illi 'n verita` u għall-grazzja tal-argument biss jingħad li tul l-eżistenza tal-istess proċedura odjerna r-rikorrenti ma pprova, lanqas fuq il-binarju ta' *prima facie* li huwa sofra xi dannu effettiv għaliex dak minnu propost f'din il-kawża huwa għal kollox ipotetiku u bbażat fuq *projections* u mhux danni reali skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 konsistenti f'telf effettiv, spejjeż inkorsi sabiex tiġi rimedjata l-ħsara jew telf ta' qliegħ ieħor attwali (Digriet fl-atti ta' mandat ta' sekwestru, datat 30 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited").

Fil-proċeduri preżenti, BSHL mhux biss ma ġabitx prova ta' dannu effettiv, talli lanqas ma ġabet assolutament prova ta' xejn dwardina l-allegazzjoni.

Jekk imbagħad qegħda tgħid illi t-telf tagħha huma l-ammonti li sejrin jiġu depożitati b'riħet is-sekwestru, imbagħad għandu jirriżulta ċar illi dawn ma jkunux danni għall-finijiet ta' dan l-artikolu tal-liġi.

Għalhekk, din it-talba ukoll għandha tinċaħad.

Għaldaqstant, in konklużjoni, it-talbiet kollha ta' BSHL kif imressqa fir-rikors tagħha tas-7 ta' Mejju, 2010 għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija, għaliex huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u mhumiex legalment akkoljibbli.

Jintalab ukoll illi, maċ-ċaħda tat-talbiet kollha tas-sekwestrata, jew separatament, dina l-Onorabbli Qorti ġentilment terġa' tordna lis-sekwestratarji sabiex jiddepożitaw l-assi appartenenti lis-sekwestrata u li kienu ġew ordnati biex iżommu pendenti l-eżitu ta' dan ir-rikors u *ai termini* ta' digriet tas-7 ta' Mejju, 2010.

Rat ukoll ir-risposta ulterjuri tal-istess soċjeta' kif awtorizzata mill-Qorti fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2010;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ġunju 2010 li permezz tagħha l-kawza tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw ir-rikors;

Ikkunsidrat;

Illi l-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandati ta' sekwestru illi nħareġ fuq talba tas-soċjeta' intimata li jġib in-numru indikati fl-okkju u qed jiċċitaw erba' kawżali ossija s-sub-inċiżi (c), (d), (e) u (f) tal-Artiklu 836 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sub-artikolu tal-Artiklu 836 indikat mir-rikorrenti jsemmu fost ir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tneħħija tal-mandat;

(c) li jkun hemm garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħrup ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-Qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew eċċessiv;

(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li jkun biżżejjed;

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minn mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001; mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja. (ara wkoll is-sentenza fil-kawża **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut"** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew *in toto*.

Din il-Qorti kif presjeduta għadha kif iddeċidiet kawża rigward l-artikolu msemmi (**"Tal-Ġeneral vs Kunsill Lokali Mosta"** – deċiża fl-24 ta' Frar 2010) li fiha qalet hekk: *"(mandat) Ma għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkubbtejh, bid-dovut rigward għad-drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju ċar li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament u ċioe' qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess ligi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu."*

Fir-rigward tal-ewwel kawżali, is-soċjeta' attriċi esebiet stima ta' valur ta' proprjeta ġestita minnha għall-valur li jeċċedi konsiderevolment dak vantat mis-soċjeta' intimata. Dan *per se* pero' ma jfissirx wisq għaliex mhux magħruf kemm minnha huwa ipotekat u allura jista' jservi ta' garanzija għall-ħlasijiet illi jistgħu jkunu dovuti. Fl-istess ħin pero', kif jidher mill-istess sekwestru, is-socjeta' attriċi tipperċepixxi ħlasijiet minn numru sostanzjali ta' ażjendi li joperaw minn ġol-bini ġestit minnha u dan sa ċertu punt iservi ta' garanzija biex f'każ li s-soċjeta' intimata tkun kanonizzata kreditriċi tagħha, tkun tista' tesegwixxi l-kreditu tagħha. Dan għaliex allura tkun tista' titlob ħruġ ta' mandat eżekuttiv illi jassikura l-ħlas, salv xi mandati oħra li jistgħu jinħarġu fil-frattemp. Għalhekk ċertu kawtela da parti tal-Qorti bil-fors trid tiġi eżerċitata fir-rigward; wieħed ma jridx jinsa illi qabel l-introduzzjoni ta' dan l-artikolu fl-1995, l-allegat debitur ma kellux rimedju *ut sic* jekk mhux imexxi bil-proċedura ordinarja ta' kawża.

Fir-rigward tat-tieni kawżali, il-Qorti ma tistax tiddikjara minn issa li l-ammont indikat fil-mandat in eżami huwa eċċessiv; għalhekk mhux se tilqa' t-talba taħt dan is-sub-inċiż..

Barra dan is-soċjeta' rikorrenti lanqas qed titlob lanqas *in linea* sekondarja li l-mandat jiġi ridott għall-ammont iżgħar biex ikun jirrispekkja ammont aktar raġonevoli. Il-Qorti għalhekk ma tistax tagħmel dan minn jeddha u allura trid tara biss jekk dan il-fatt jistax iwassalha għat-tneħħija tal-mandat.

L-aħħar kawżali hija waħda ta' natura ġenerali u l-Qorti hija propensa li l-azzjoni tas-soċjeta' intimata li titlob il-ħruġ tal-mandat kienet waħda ta' ritaljazzjoni għall-azzjoni tas-soċjeta' rikorrenti. Naturlament pero' kellha dritt tirritalja sakemm l-azzjoni tagħha hija koperta mill-liġi. F'dawn it-tip ta' kawżi xi drabi huwa diffiċli għall-Qorti biex tiddetermina jekk it-talba għandhiex tintlaqa' għaliex hija qatt ma tista' tasal għal ċertu deċiżjonijiet qabel ma tkun semgħet il-provi; f'dawn il-proċeduri hija trid tiddeċiedi a bazi ta' *prima facie* u għalhekk trid toqgħod attenta li ma

tkunx qed iċċaħħad lill-partijiet minn xi drittijiet li ma jkunx jista' jissarraf. Kif sewwa qal l-Avukat tal-intimati fit-trattazzjoni s-soċjeta rikorrenti lanqas offriet, kif setgħet tagħmel, garanzija suffiċjenti għall-pretensjonijiet tal-intimati (anke jekk l-ammont ma jkunx għal dak pretiż). In mankanza ta' dan kollu l-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti.

Fl-istess ħin pero' huwa raġonevoli li jiġi applikat l-artikolu 838A, u ċjoe' li jkun hemm garanzija biex tagħmel tajjeb għall-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti tista' ssofri riperkussjonijiet serji minħabba l-entita' tal-mandat in kwistjoni. Fuq il-bażi tal-istess talba tas-socjeta' intimata kif likwidata fil-mandat, il-Qorti se tordna li tiġi preżentata garanzija għas-somma ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000).

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti – salv kull dritt li jista' jkollha taħt provvedimenti oħra tal-liġi – tilqa' pero' t-tielet talba u tordna lis-socjeta' intimata Match Music Stores(Malta) Limited biex tippreżenta fl-atti tal-mandat garanzija ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000) fi żmien ħmistax-il jum mil-lum, u in mankanza ta' dan il-mandat jiġi revokat.**

**L-ispejjez ta' dan l-inċident ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------